31999D0753

L 311/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 4.12.1999

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tad-29 ta' Lulju 1999
dwar l-applikazzjoni temporanja tal-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Koperazzjoni bejn min-naħa l-waħda l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u min-naħa l-oħra r-Repubblika ta' l-Afrika t' Isfel,

(1999/753/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej u b'mod partikolari l-Artikolu 310 f'konnessjoni ma' l-Artikolu 300(2), l-ewwel paragrafu, l-ewwel u t-tieni sentenza tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) l-Komunità u l-Afrika t' Isfel obbligaw ruħhom li jadottaw proċeduri dwar it-tħaddim bikri tal-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Koperazzjoni bejn il-komunità u l-istati Membri tagħha, minn banda l-waħda, u r-Repubblika ta'l-Afrika t' Isfel mill-banda l-oħra;

(2) it-tħaddim provvisorju ta'l-imsemmi Ftehim permezz ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju t' Ittri huwa neċessarju sabiex jiġi pprovdut qafas komprensiv ta' koperazzjoni bejn il-Komunità u l-Afrika t' Isfel, sakemm jiġu mitmuma l-proċeduri meħtieġa sabiex il-Ftehim imsemmi jidħol fis-seħħ;

(3) il-Ftehim fil-forma ta' Skambju t' Ittri għandu għaldaqstant jiġi approvat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju t' Ittri bejn il-Komunità u l-Afrika t' Isfel, li jipprovdi għat-tħaddim proviżorju ta' parti mill-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn banda l-waħda, u r-Repubblika ta'l-Afrika t' Isfel, mill-banda l-oħra, huwa hawn approvat għan-nom tal-Komunità.

It-test tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju t' ittri huwa anness ma' din id-Deċiżjoni, kif ukoll it-test tal-Ftehim.

Artikolu 2

Għall-fini tat-tħaddim ta'l-Artikolu 97 tal-Ftehim, rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jippresjedi fuq il-Kunsill tal-Koperazzjoni u jippreżenta l-qagħda tal-Komunità matul il-perjodu tat-tħaddim proviżjonali tal-Ftehim.

Il-qagħda li għandha tittieħed mill-Komunità fi ħdan il-Kunsill tal-Koperazzjoni għandha titfassal mill-Kunsill fi fuq proposta mill-Kummissjoni.

Artikolu 3

Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' Lulju 1999.

Għall-Kunsill

Il-President

S. HASSI